**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A30-09

26 ta' Mejju 2009

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/30**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar **il-Ħamis 28 ta' Mejju 2009, fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
5. Approvazzjoni tat-*Trial Balance* Marzu 2009
6. Approvazzjoni tal-Patt tas-Sindki
7. Approvazzjoni ta' *Tender Document for Patching & Kerb reinstatement* u l-ewwel fażi biex isiru xogħlijiet ta' pavimentar ġdid fiċ-Ċentru tal-Gżira u madwar ix-Xatt skont ftehim mal-U.I.F.
8. Affarijiet Oħra
9. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D
Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

25 ta' Ġunju 2009

Ref Nru.Klg5/030

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/30 li saret il-Ħamis 28 ta' Mejju 2009.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.30 p.m.

Preżenti

Ħames membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Dunstan Attard, il-Kunsillieri Anthony Abela, Joe Camilleri u Ian Micallef flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

**Skużati**

Il-Kunsillieri Malcolm Camilleri u Victor Rutter minħabba mpenn ta' xogħol.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fis-26 ta' Mejju 2009

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa li saret il-Ħamis 30 t'April 2009, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**I.2. Paġna Nru: 6 – para 8 .1** ir-*ranking* kien kif ġej:

Antoine Portelli
John Robert Ducker
Graziella Camilleri
Karl Luke Delia

**1.3. Paġna Nru: 7 para 9.1.** il-kelma 'onorat' trid tinbidel u ssir 'onoruż'.

**1.4. Paġna Nru: 8 -** il-Viċi-Sindku talab kjarifika dwar l-ewwel paragrafu rigward il-laqgħa li l-impjegati tal-Kunsill kellhom ma' l-Onor Chris Said.

**1.5.** Wara li ngħatat din il-kjarifika, l-emendi li tressqu mill-Viċi-Sindku, ġew ssekondati mill-Kunsillier Joe Camilleri.

Wara diskussjoni qasira, l-minuti kif emendati, ġew approvati unanimament mill-Kunsill, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela.

**2. Materji Konnessi**

**2.1. Paġna 2 para 2.3. –** Il-Kunsillier Joe Camilleri ta rendikont tax-xogħlijiet li kienu saru, fejn fost affarijiet oħra qal, li fil-Ġnien ġew installati l-bankijiet u l-bandli għat-tfal iż-żgħar u l-bibien tal-Latrina Pubblika kienu ser jitwaħħlu l-ġimgħa d-dieħla.

Is-Segretarju Eżekuttiv tat rendikont tal-laqgħa li saret mal-kuntrattur Emanuel Mifsud flimkien mal-Kunsillier Anthony Abela fejn fost l-aktar punti mportanti diskussi, l-Kunsill informa lill-kuntrattur li għal ebda raġuni sakemm mhux awtorizżat mill-istess Kunsill, ma jista' jagħti kopja taċ-ċwievet tal-Latrina Pubblika u dan b'referenza partikulari li qabel ma beda x-xogħol fuq il-latrina, kopja taċ-ċwievet kienet għand il-propjetarju tal-*Bus Stop kiosk*.

Abażi ta' l-informazzjoni mitluba mill-Kunsill, dwar l-*attendant*, filwaqt li l-kuntrattur ma kkonfermax li ser ikun hemm *attendant* tul il-ħin kollu tal-ftuħ, madanakollu qal, li t-tindif ser jibda jsir minn erba' sa ħames darbiet kuljum f'kull latrina.

Il-Kunsill infurmah, li minkejja l-fatt li fis-sottomissjoni tiegħu hemm imnizzel li l-prezz jeskludi tiswija ta' ħsarat b'eżitu ta' vandaliżmu madanakollu, jekk jirriżulta li sar hekk għax il-latrina ma kienitx sorveljata, ma jkunx eskluż li l-Kunsill jitolbu jagħmel tajjeb għall-ħsarat.

**2.2. Paġna 5 para 7.1.** – *Activities Centre* - Il-Viċi-Sindku ta rendikont ta' l-attivitajiet fejn fost affarijiet oħra qal, li s'issa kollha kienu suċċess minbarra dik li saret fid-19 ta' Mejju 2009 – *Breakfast* Għall-Anzjani u dik li saret fis-27 ta' Mejju 2009 – Nagħmlu l-*Homework* Flimkien.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal li fl-opinjoni tiegħu, rigward l-aħħar attivita' hawn fuq imsemmija, t-*timing* kien ħażin minħabba li bħalissa t-tfal kienu qed jagħmlu l-eżamijiet u ssuġġerixxa li din għandha terġa' tiġi ntroddotta matul is-sena skolastika li ġejja.

Il-Kunsill qabel unanimament mas-suġġeriment tal-Kunsillier hawn fuq imsemmi.

**2.3. Paġna 8 para 3.4.** rigward il-proposta mibgħuta minn Taran Arrigo dwar *outside fitness equipment*, fejn fost affarijiet oħra, l-Kunsillier Joe Camilleri ssuġġerixxa, li parti mill-apparat seta' jsir mill-ħaddiema ta' l-I.P.S.L., il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri, li l-Kunsill jagħżel żewġ tipi t'apparat u li n-nefqa għandha tkun sa €4,658.75

**2.4. Paġna 10 para 10.1.** Il-Kunsill ġie nfurmat li ż-żewġ pitturi ta' Esprit Berthet, kienu nbiegħu.

**2.5.** Iċ-*Chairman* talab biex l-ewwel jiġu trattati minn *item* Nru: 4 sa *item* Nru: 7 u wara *item* Nru: 3, 8 u 9 ta' l-*Agenda*.

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

## 4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru. 1144 sa Nru. 1221 (ara *Appendix* Nru.1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni wkoll, l-ammont ta'

- €70.00 – reklam fil-fuljett tal-festa li jinħareġ mill-Kumitat tal-Banda Mount Carmel
- € 70.00 – reklam fil-fuljett tal-festa li jinħareġ mill-Kummissjoni Festi
- €250.00 – donazzjoni lill-Kappillan tal-Parroċċa bħala parti mill-ispejjeż għall-festa.

- €413.00 – *Twilight Sound & Light Hire* (*one off occasion – Gżira United Football Club*)

- €244.20 – Festi Esterni parti mill-ispejjeż għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-*Gżira United Football Club* fl-okkażjoni tar-rebħa tat-tielet diviżjoni.

- €830.81 – *Retention money* f'isem il-kuntrattur *Road Maintenance Services Ltd.* (Dan l-ammont ġie *released* mill-Perit minħabba l-fatt, li l-i*snag list* ġiet eżawrita skont l-ispeċifikazzjonijiet.

- €1,129.00 – *Aguis Marble Works Ltd* - Il-Perit tal-Kunsill bagħat konferma li x-xogħlijiet kienu tlestew skont l-ispeċifikazzjonijiet u għalhekk il-ħlas seta' jsir.

- €22,459.32 – it-tieni pagament lid-*Ditta Polidano Bros. Ltd*. rigward l-*embellishment* tal-Ġnien.

4.3. Tressqet talba għall-ħlas għall-ammont ta' €9,079.30 mid-ditta Polidano Bros. Ltd. għal xogħol ta' *patching* li sar f'diversi toroq iżda li skont ir-rapport tal-Perit, uħud minnhom ma ġewx ċertifikati.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibded l-attenzjoni li waqt il-laqgħa li saret fis-26 ta' Marzu 2009, kien ġie deċiż li x-xogħol tal-*patching* u l-bankini ma kellux jaċċedi l-ammont ta' €4,458.75 (Lm2,000) VAT inkluża.

F'dan l-istadju, ċ-*Chairman* talab spjegazzjoni x'wassal għal din in-nefqa.

Minħabba l-fatt, li l-Kunsillier Anthony Abela kien responsabbli minn dan ix-xogħol, huwa spjega, li invista tal-fatt li x-xogħol tal-*patching* dam ma sar għar-raġunijiet li l-Kunsill kien konxju tagħhom tant, li ġie xolt il-kuntratt eżistenti, l-ħofor kienu kibru, żdiedu oħrajn ġodda u kien hemm postijiet li filwaqt li fid-dehra kellhom ċertu *area* madanakollu, meta beda jsir ix-xogħol fuqhom, il-wiċċ tat-triq beda jinqala' b'konsegwenza tal-fatt, li kibru u l-spejjeż żdiedu.

Il-Viċi-Sindku qal, li fl-opinjoni tiegħu, dan ma kienx il-mod ta' kif isir l-*emergency patching*.

Wara din id-diskussjoni, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li:

i. abażi ta' dak hawn fuq diskuss,

ii x-xogħlijiet ta' tiswija riedu jsiru u ma setgħux jistennew iżjed altrimenti, l-Kunsill seta' jiffaċċja ċirkustanzi fejn persuni jweġġgħu jew jagħmlu ħsarat f'dawn il-ħofor

iii l-Gvern kien qed jesiġi fuq xogħlijiet ta' manutenzjoni fit-toroq kif imsemmi fil-*covering letter* li rċevejna dwar l-allokazzjoni finanzjarja

wara li jerġgħu jsiru l-*patches* mhux ċertifikati mill-Perit u approvati minnu, dan il-kont jerġa' jitressaq għall-approvazzjoni tal-ħlas.

**4.4.** Wara diskussjoni qasira, r-*Request Sheets* minn Nru: 1144 sa Nru: 1221 inkluż ill-ħlasijiet imsemmija f'paragrafu **4.2.** ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

## 5. Approvazzjoni tat-*Trial Balance* Marzu 2009

**5.1.** Wara li saru xi kjarifiki mill-Kunsillieri preżenti dwar is-suġġett hawn fuq imsemmi (ara *Appendix* Nru: 2) it-*Trial Balance* ta' Marzu 2009, ġie approvat unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku.

F'dan l-istadju, l-Viċi-Sindku talab liċ-*Chairman* jekk kienx possibbli li jiġi diskuss *item* Nru: 7 minħabba l-fatt, li parti mill-*covering letter* dwar l-allokazzjoni finanzjarja 2009/2010 kienet tispeċifika li parti minn din l-allokazzjoni li tammonta €40,447.00 hi kappjata u għandha tintuża speċifikament sakemm ma jkunx hemm awtorizazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li ma tintużax għall-manutenzjoni tat-toroq.

Iċ-*Chairman* qabel mal-proposta tal-Viċi-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Għaldaqstant, il-Kunsill għadda għal *item* Nru: 7.

## 7. Approvazzjoni ta' *Tender Document for Patching & Kerb reinstatement* u l-ewwel fażi biex isiru xogħlijiet ta' pavimentar ġdid fiċ-Centru tal-Gżira u madwar ix-Xatt skont ftehim mal-*U.I.F.*

**7.1.** Iċ-*Chairman* stieden lill-Viċi-Sindku jressaq il-kummenti tiegħu.

Abażi ta' dak li qal aktar 'l fuq, il-Viċi-Sindku kompla jgħid, li hu kien ta' l-opinjoni li l-Kunsill għandu jaqbel fil-prinċipju dwar toroq li għandhom bżonn xogħol ta' *patching* u għalhekk, dawn għandhom ikunu koperti bil-kuntratt li

jrid joħroġ b'dan ix-xogħol u dawk li għandhom bżonn *partial* jew *full re-surfacing*. Għaldaqstant, kien qed jissuġġerixxi li s-Segretarju Eżekuttiv tibgħat *e-mail* lil kull Kunsillier sabiex jissottometti lista ta' preferenzi ta' toroq li jridu jiġu *re-surfaced* jew parti minnhom u wara li kulħadd jissottometti din il-lista, għandu jinħatar Kumitat *ad hoc* bis-Sindku bħala *Chairman* u fin-nuqqas tiegħu l-Viċi-Sindku u Kunsillier minn kull naħa biex flimkien mal-Perit u abażi ta' l-allokazzjoni, jiġu analizzati r-risposti tal-Kunsillieri, titħejja lista ta' prijoritajiet u tiġi mressqa għall-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tinħareġ Sejħa Għall-Offerti għal dan ix-xogħol.

F'dan l-istadju, l-Kunsillier Joe Camilleri qal, li hu kien talab biex titressaq mistoqsija parlamentari dwar it-toroq li għad iridu jsiru fil-Gżira, skont programm ta' bini ta' toroq residenzjali 2005/2008 maħruġ mill-Ministeru għall-iżvilupp Urban u Toroq li fih hemm imsemmi li fil-Gżira ser isiru disa' toroq (jew parti minnhom) u li s'issa saru biss tnejn. Din għamilha wkoll, invista tal-wegħda li għamel il-Ministru Austin Gatt li sa l-aħħar ta' din is-sena, ser isiru mitejn triq residenzjali.

Għall-kumment tal-Viċi-Sindku, li l-Kunsill għandu jaġġixxi u mhux joqgħod jistenna lill-Gvern Ċentrali, l-Kunsillier Joe Camilleri qal, li jekk jieħu eżempju ta' triq waħda bħal Triq Coleridge, x-xogħol rikjest jeżawrixxi l-fondi kollha allokati għal dan ix-xogħol tal-Kunsill.

Intervjena wkoll, il-Kunsillier Anthony Abela u ta' rendikont ta' l-*onsight meetings* li kellu mas-Sur Joe Gregoraci, *District Manager* tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma u qal, li dan ta' l-aħħar, kellu jħejji rapport ta' fejn saru x-xogħlijiet fl-2007/2008 minn din il-Korporazzjoni, sabiex jiġu sottomessi lill-Kap Eżekuttiv ta' l-istess Korporazzjoni biex il-Kunsill jingħata rimborż u b'hekk il-Kunsill permezz tal-kuntrattur tal-*patching*, jagħmel ix-xogħol neċessarju.

Wara li tkompliet d-diskussjoni, fejn il-Kunsillier Joe Camilleri nforma li hu kien tal-fehma li t-*tender* tal-*patching* għandu xorta waħda jinkludi *large patching* sabiex ma jkunx hemm għalfejn li kull darba tinħareġ Sejħa għall-Offerti, ċ-*Chairman* ressaq il-proposta tal-Viċi-Sindku dwar talba lill-Kunsillieri għalfejn jaħsbu li għandu jsir *re-surfacing* u li flimkien mal-Perit jiġi rivedut it-*tender document* for *patching and kerb re-instatement works* għal xogħlijiet żgħar biss.

Il-Kunsill qabel unanimament.

Minħabba l-fatt, li l-Kunsill kien irċieva dak inhar stess, it-*tender document* ta' xogħlijiet ta' pavimentar mingħand il-Perit, dan ma setax jiġi approvat, għaliex il-Kunsill ma kellux ċans jarah f'aktar fid-dettal.

Il-Kunsillier Ian Micallef daħal għall-laqgħa fis-6.15 p.m.

## 6. Approvazzjoni tal-Patt tas-Sindki

6.1. Iċ-*Chairman* qal, li kien ser jidħol aktar fid-dettal rigward din il-materja u terġa' tiġi diskussa aktar 'l quddiem.

Il-Kunsillier Anthony Abela telaq fis-6.30 p.m. minħabba mpenn ieħor.

## 3. Korrispondenza

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sat-28 ta' Mejju 2009 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom,

**3.3.** Tressqet kopja ta' pjanta ta' *aluminium moveable stand* fix-Xatt mid-ditta Hoffman & Mahadea.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kienet ċemplet persuna oħra li xtaqet tapplika għal *stand* fix-Xatt iżda l-Kunsill kien għadu ma rċieva ebda sottomissjoni.

Wara diskussjoni qasira u anke invista tal-fatt, li fl-lokalitajiet oħra kien hemm diżgwid bejn l-operaturi, l-Kunsill qabel unanimament, li jekk fil-futur jirriżulta każ simili l-Kunsill jirriżerva d-dritt li jittermina kuntratt/kuntratti.

**3.4.** Il-Kunsill qabel unanimament, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li ma jitħallsux il-kontijiet tal-*mobile toilets* ta' Marzu u April 2009, lid-ditta *Greenlines* minħabba d-diversi lmenti li l-Kunsill irċieva rigward l-manutenzjoni tagħhom.

**3.5.** Inqrat *Memo* 26/2009 – Kuntratt Ġdid dwar Ġbir ta' Skart Organiku.

F'dan il-kuntratt, qed jiddaħħlu kunċetti ġodda fosthom, il-mod speċifiku ta' kif issir l-aġġudikazzjoni ta' l-offerti, t-tnedija ta' *work plan*, il-bord li għandu jiddeċiedi fuq oġġezzjonijiet mill-kuntrattur dwar *default notices*, *standards* dwar vetturi li jkunu ser jintużaw fl-operat u b'mod partikulari, l-obbligu li s-servizz ikun ta' l-ogħla kwalita'.

Dan id-dokument ġie maqbul ukoll, mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Għalhekk, b'effett immedjat kull min ser jiġi biex joħroġ kuntratt ġdid, irid juża d-dokument mibgħut mal-*memo* hawn fuq imsemmija.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li din il-*memo* tapplika għal dan il-Kunsill invista tal-fatt, li anke l-estenzjoni tal-kuntratt eżistenti kienet skadiet u għaldaqstant, għandhom jibdew it-tħejjijiet neċessarji nkluż l-iskemi tal-Gvern u l-*WasteServ* biex tiġi ppubblikata s-Sejħa għall-Offerti.

**3.6.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li tiġi nstallata mera fi Triq Antonio Sammut wara li tressqet talba minn resident, s-Sur Emilio Rancati għan-nom tar-residenti kemm ta' *Maris Court* kif ukoll, ta' *Blossom Court* li joqgħodu fit-triq hawn fuq imsemmija.

**3.7.** Tressqet talba mid-ditta *Stivala Operators Ltd* għall-permess biex jitpoġġa *tower crane* quddiem Nru: 32 Triq Coleridge Gżira.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill iddeċieda li jivverifika l-validita' tal-permess tal-MEPA li kien anness mat-talba u trid tittieħed deċiżjoni dwar it-*traffic management* fit-triq hawn fuq imsemmija.

**3.8.** Inqara r-rapport tal-Perit dwar stimi mitluba mill-Kunsill fuq xogħlijiet pendenti.

i. Triq Cameron – il-Kunsill qabel li minħabba l-fatt, li qedgħin f'perjodu preparatorju biex tigi ppubblikata s-Sejħa għall-Offerti, kwotazzjoni ma tistax tinħareġ għaliex għada kif saret waħda mill-Kunsill u x-xogħol hu ta' natura urġenti, għandu jintalab li l-Perit jirrakkomanda xi ditti li jistgħu jagħmlu x-xogħol b'*direct order.*

ii. Triq Carlo Manche' (quddiem 118) il-Kunsill qabel mal-Perit li l-ammont mitlub għas-*survey* hu għoli u filwaqt li jistenna l-gwida tal-Perit għandna nitolbuh li jekk tkun problema biex jinstab *surveyor* għan-nom tal-Kunsill, għandu jitlob li jintbagħat wieħed minn *Network Infrastructure Directorate (ex Roads Department)*. Din il-materja għandha tiġi trattata b'urġenza.

iii Triq ix-Xatt – minħabba l-fatt, li l-Kunsill m'għandux kuntrattur, għandha tintalab li tkun il-Korporazzjoni Enemalta li tagħmel it-twessiegħ ta' bankina għaliex kienet din l-istess entita' li nstallat arblu u għalaq l-aċċess għall-*pedestrians*.

**3.10.** Is-Segretarju Eżekuttiv qrat Avviż Legali 129/2009 li jemmenda Avviż Legali 119/2002.

**3.11.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 8. Affarijiet Oħra

**8.1.** Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li kien ra xi reklami dwar WiFi bħala *pilot projects* għall-żewġ Kunsilli Lokali – Birkirkara u Sliema.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li nikkuntattjaw lid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali jekk dan is-servizz jistax jingħata lil din il-lokalita mingħajr ħlas.

**8.2.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri mal-proposta li għamel il-Viċi-Sindku sabiex jerġgħu jsiru s-*Summer Nights* (*eight sessions* + *one free*) għall-ammont ta' €93.17 kull waħda) kif ukoll, *60's nights* (*session waħda*) għall-ammont ta' €35.00 li ssir preferibbilment il-Ġimgħa.

## 9. Laqgħa Oħra

**9.1.** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-7.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Gżira Local Council

**Ref No: K163/119/09**

**28 May 2009** **KLG5/30**

| R/Sheet No: | Description | Value € | Chq No: |
|---|---|---|---|
| 1144 | Meli Bugeja 40 Gr1000 + 20 cement | 254.00 | 5932 |
| 1145 | D.O.I. advert Locality Call 06.05.09 | 9.32 | 5923 |
| 1146 | Standard Publications Advert Locality Call | 52.86 | |
| 1147 | J. Lautier Co. Ltd. Cash Sale 204088 Public Convenience | 22.32 | 5951 |
| 1148 | Makaw Ironmongery invoice Nos: 16260-61-63-64-65-69 Act.Cen/P. Conv | 916.78 | |
| 1149 | MakaW ironmongery invoice Nos: 16278 Welding Set + Grinder | 370.00 | |
| 1150 | G4S Security Serv.(Malta) Ltd invoice 031151 – 5 Trips April 2009 C.I.T. | 37.82 | |
| 1151 | Squire Bookshop invoice No: 6998 Newpapers April 2009 | 35.11 | |
| 1152 | A.K.L. irk31/2009 Skema ta' Saħħa Councillors, Exec Sec. Staff from May 2009 – April 2010 | 570.00 | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1153** | **3D invoice 2248 Distribution of leaflet Activities Centre** | **210.93** | |
| **1154** | **Sound Machine – 42 inch Plasma + Wall Bracket – Activities Centre** | **849.97** | **5952** |
| **1155** | **Modatex textiles Centre – Material for for Curtains – Activities Centre** | **118.83** | **5920** |
| **1156** | **Modatex textiles Centre – Rail for Curtains – Activities Centre** | **20.67** | **5955** |
| **1157** | **abc Print invoice 104279-03 sign and inauguration plaque Activities Centre** | **866.71** | |
| **1158** | **Merlin Libraries re: K138/26/09 parti minn token ta' €70.00** | **50.00** | **5954** |
| **1159** | **C.S.D. Office Trade invoice 26178 copy paper A4** | **37.88** | |
| **1160** | **Media Link invoice 24536 – Advert Locality Call** | **68.44** | |
| **1161** | **E.L.C. invoice 005176 Maintenance of Soft Areas – April 2009** | **2212.92** | |
| **1162** | **GO plc invoice 21959737 tel: 322157 Calls April – Rent May 2009** | **211.72** | **5956** |
| **1163** | **GO plc invoice 21958950 tel: 341616 Calls April – Rent May 2009** | **27.32** | **5957** |
| **1164** | **GO plc invoice 21958940 tel: 334254 341034 Calls April – Rent May 2009** | **66.70** | **5958** |
| **1165** | **A.K.L. Laqgħa għas-Sindki 08 & 09 May 2009 Palace Hotel Sliema** | **75.00** | **5959** |
| **1166** | **X-Tend Supplies – Dwal Act. Cent.** | **88.00** | **5953** |
| **1167** | **Carini Store Ltd invoice 4801 – two 220.00 5960 Hand dryers Public Convenience** | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1168 | Enemalta Corporation invoice TD/ invoice 10663 – Demarcation expenses | 233.00 | |
| 1169 | Pisani Home Centre invoice 3213 DVD + Audio Video shelf Act. Ctr. | 120.00 | 5962 |
| 1170 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 10973 Job No 7886 Traffic Signs | 153.90 | |
| 1171 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 11005 Job No: 8611 Road Markings | 117.93 | |
| 1172 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 11006 Job No: 8612 Road Markings | 72.62 | |
| 1173 | Stardelta invoice Nos: 4941420-423-427 429-430-431-433-434-435 | 138.61 | |
| 1174 | Borg Hardware Store invoice Nos: 901-906 – 907 | 426.35 | |
| 1175 | The Toolbox inv Nos: 8646-57-68-78-80 93-8707-19-25-28-31-32-41-58-77 | 438.97 | |
| 1176 | S. Rausi Trading invoice 21060296 Drinking Water | 38.96 | |
| 1179 | Alfa Co. Ltd. Invoice 53164 Copies + rentals 13.03.09 – 12.04.09 | 128.74 | |
| 1178 | J.F. Mallia Ltd invoice 166 Job Nos 49 – 50 – 51 – 52 Maint. Bozoz | 115.53 | |
| 1179 | Melita cable inv 26868742 – 01.05.09 30-06-09 | 23.30 | |
| 1180 | Steve R. Farrugia inv. No: 86 Sunday Street Sweeping April 2009 | 378.52 | |
| 1181 | Steve R. Farrugia inv. No: 85 Street & Grass Cutting April 2009 | 4588.85 | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1182 | M.I.B. insurance renewal of Insurance Policies 01.04.09 – 31.03.10 | 2965.33 | 5925 |
| 1183 | Mita inv: SIN021634 Support Service 23.04.09 Job No: 593213 | 37.52 | |
| 1184 | Allied Newspapers inv.ASI333916 Advert Locality Call | 60.30 | |
| 1185 | Melita plc invoice 26873565 Hello Serv 08/05/09 – 07/06/09 | 163.19 | |
| 1186 | Tacc Trading Co. Ltd invoice 300 Electric Jug + Toaster Act. Ctr | 40.00 | |
| 1187 | Longbow Ltd inv.73007 1x200 Litter bags for Strand | 37.76 | |
| 1188 | 3D Booking Order No: 3210 Distribution of leaflets Computer Courses | 153.40 | |
| 1189 | Frankit invoice 9857 re repairs auto Joe Camilleri | 433.00 | 5949 |
| 1190 | Master Enterprises inv. 8114 Madum Public Convenience | 350.00 | |
| 1191 | A.K.L. Ċirk 30/2009 Assikurazzjoni dwar il-flus fil-Kunsilli u Tribunali 01.05.09 sa 31.12.2009 | 42.00 | |
| 1192 | Melita plc Order No: 11697671/ 11250868 Internet & Deposit digital decoder – Activities Centre | 86.19 | 5961 |
| 1193 | Muscular Dystrophy Group – 10 pkts A4 PAPER | 38.00 | 5963 |
| 1194 | Union Print invoice P1000319 – printing of 3,500 booklets | 928.20 | |
| 1195 | Andrews Garage Ltd invoice 01283 re repairs auto J. Camilleri | 1863.50 | 5992 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1196 | Qormi Aluminium invoice 1496 – aluminium cabinet for metres A.Ctr | 508.50 | |
| 1197 | Bitmac Works Ltd tarmac Sacks bought on 29.04.09 | 77.00 | 5922 |
| 1198 | Sound Vision Print Ltd inv.12325 advert laqgħa lokalita – Kullħadd | 70.42 | |
| 1199 | F. Cordina & Sons – Metal Sheet | 56.09 | 5966 |
| 1200 | Bitmac Works Ltd Tarmac Sacks bought on 21.05.09 | 115.50 | 5967 |
| 1201 | Joe Bugeja & Associates RFP 151 Serv Rendered January 2008 | 563.64 | |
| 1202 | Joe Bugeja & Associates RFP 152 Serv Rendered 01.02.08 – 15.0208 | 433.05 | |
| 1203 | Joe Bugeja & Associates RFP 153 Serv rendered 18.02.08 – 29.02.08 | 563.63 | |
| 1204 | Joe Bugeja & Associates RFP 154 Serv Rendered March 2008 | 488.03 | |
| 1205 | Joe Bugeja & Associates RFP 155 Serv Rendered April 2008 | 309.34 | |
| 1206 | Joe Bugeja & Associates RFP 156 Serv Rendered May 2008 | 446.81 | |
| 1207 | Joe Bugeja & Associates RFP 157 Serv Rendered 03.06.08 – 13.06.08 | 893.56 | |
| 1208 | Joe Bugeja & Associates RFP 158 Serv. Rendered 16.06.08 – 27.06.08 | 604.89 | |
| 1209 | Joe Bugeja & Associates RFP 159 Serv Rendered July 2008 | 556.76 | |
| 1210 | Joe Bugeja & Associates RFP 160 Serv. Rendered 07.08.08 – 19.08.08 | 371.19 | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1211** | **Joe Bugeja & Associates RFP 161<br>Serv Rendered 20.08.08 – 28.08.08** | **556.77** | |
| **1212** | **Joe Bugeja & Associates RFP 162<br>Serv. Rendered Sept. 2008** | **398.69** | |
| **1213** | **Joe Bugeja & Associates RFP 163<br>Serv. Rendered 02.10.08 – 13.10.08** | **811.08** | |
| **1214** | **Joe Bugeja & Associates RFP 164<br>Serv Rendered 15.10.08 – 28.10.08** | **226.85** | |
| **1215** | **Joe Bugeja & Associates RFP 165<br>Serv Rendered November 2008** | **391.81** | |
| **1216** | **Joe Bugeja & Associates RFP 166<br>Serv. Rendered December 2008** | **955.45** | |
| **1217** | **Joe Borg Duck Food May 2009** | **46.59** | |
| **1218** | **E. Mifsud inv.2397680 Door to Door<br>Collection May 2009** | **5590.50** | |
| **1219** | **E. Mifsud inv.2397681 Hire of Skips<br>May 2009** | **432.87** | |
| **1220** | **E. Mifsud inv2397682 Bulky Service<br>April 2009 – 148 Calls** | **810.16** | |
| **1221** | **Mr Joe Camilleri – Lidl – Flowers<br>Electrician paper rolls for Act. Ctr<br>Inawguration 15.05.09** | **198.95** | **5968** |